# Lectio Divina

## Is-6 Ħadd tal-Għid

## Sena Ċ

### Ġw 14:23-29

Ninsabu fl-ewwel diskors tal-aħħar ċena (14,1-31). L-evanġelista donnu jgħaqqad flimkien it-tifkira tal-kliem tal-aħħar ċena mal-fatti li ġraw wara l-qawmien tal-Mulej. Fil-kompożizzjoni tiegħu hu kontinwament jaqbad l-istess temi u japprofondihom.

Eżatt qabel is-silta tal-lum insibu mistoqsija li jagħmel Ġuda ta' Ġakbu lil Ġesù: "Ġuda - l-ieħor, mhux l-Iskarjota - qal lil Ġesù: "Mulej, din kif inhi li inti se turi ruħek lilna u mhux lid-dinja?"" (v.23). F'dan il-kapitlu nsibu żewġ mistoqsijiet oħra lil Ġesù, dik ta' Tumas, fuq fejn sejjer u t-triq (v.5) u dik ta' Filippu biex Ġesù juri lill-Missier (v.8-9). B'kollox huma tlitt domandi, numru li aktarx jindika d-diffikultajiet, in-nuqqas ta' għarfien jew l-objezzjonijiet tal-komunità kollha. L-aħħar mistoqsija, dik ta' Ġuda, turi li aktarx id-dixxipli ma fehmux il-kliem li Ġesù jgħid ftit qabel dwar il-qawmien (v.19). Imma barra minn hekk tieħu wkoll l-forma ta' tentazzjoni. Aktarx huma qed jistennew xi manifestazzjoni imponenti ta' Ġesù quddiem Iżrael kollu bħala r-re messija mistenni (Atti 1,6; Ġw 7,3-4). Għal din id-domanda Ġesù ma jirrispondix b'mod dirett imma jerġa' jipproponi u japprofondixxi t-tema tal-preżenza ta' Alla fil-ħajja ta' min jemmen.

[Ġw:14:23] **Ġesù wieġbu: "Jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti, u Missieri jħobbu, u aħna niġu u ngħammru għandu.** [Ġw:14:24] **Min ma jħobbnix ma jħarisx kliemi. U l-kelma li qegħdin tisimgħu m'hijiex tiegħi, imma tal-Missier li bagħatni.**

Mill-ġdid niltaqgħu mat-tema tal-imħabba, l-ubbidjenza u l-konsegwenzi tagħha. F'v.15-16: "Jekk tħobbuni, ħarsu l-kmandamenti tiegħi. U jiena nitlob lill-Missier, u hu jagħtikom

Difensur ieħor biex jibqa' magħkom għal dejjem... Imbagħad f'v.21: "Min iżomm il-kmandamenti tiegħi u jħarishom, dak hu li jħobbni; u min iħobb lili, iħobbu wkoll il-Missier, u jiena wkoll inħobbu u nurih lili nnifsi." Tidher li din hi tema ċentrali fid-diskors. Dawn il-versi paralleli jindikaw li li tħares il-kelma ta' Ġesù hu l-istess għal li tħares il-kmandamenti tiegħu. Fi Ġw il-kmandament hu wieħed, il-ħarsien tal-kelma. Imbagħad dan jesprimi ruħu f'diversi kmandamenti, ewlenin fosthom l-imħabba tal-aħwa.

X'relazzjoni hemm bejn l-ubbidjenza u l-imħabba? Biex wieħed jobdi qabelxejn irid iħobb. L-awtur ta' 1Ġw 4,10 jitkellem dwar il-primat tal-imħabba: "hawn qiegħda l-imħabba; mhux għax aħna ħabbejna 'l Alla, imma għax ħabbna Hu u bagħat lil Ibnu biex ikun ta' tpattija għal dnubietna". L-imħabba ma tistax tiġi imitata permezz ta' xi regoli imma hi qabel xejn ir-riżultat tal-gratwità/gratitudni. Infatti meta f'relazzjoni m'hemmx il-gratwità ġeneralment jidħlu r-regoli, bħala tentattiv biex ma nweġġgħux, ma ndejjqux lil xulxin, jew biex inkunu f'postna mal-kuxjenza. Alla jgħaddi minn triq oħra, dik tal-imħabba l-ewwel. Diffiċli li s-sempliċi koerenza formali mal-iskema ta' min għandu jkun il-Kristjan taħdem għax aktarx tkun qed tinbena struttura fuq ir-ramel. L-ubbidjenza hi effett, effett mhux tal-biża' imma tal-ferħ li nkunu ma' xulxin. Għalhekk ta min jistaqsi ir-raġuni għan-nuqqas ta' ubbidjenza, għotja u ħeġġa, fina u fl-oħrajn. Diffiċli jkun hemm riżultati veri qabel ma tiġri xi ħaġa fil-qalb. Bħala konsegwenza ta' dan id-diskors, anke l-fundament tal-pastorali għandu jkun l-għotja u mhux t-talba jew l-għotjiet taħt kundizzjoni.

Il-kejl tal-imħabba vera mbagħad jidher mill-ubbidjenza għax l-imħabba mhux biss sentiment vag jew emottiv imma l-ħarsien/l-għixien konkrett tal-kelma ta' Ġesù; li tgħix kif qal u għix hu stess. Fl-aħħar tal-kapitlu, Ġesù jispjega l-passjoni tiegħu bħala l-mezz li bih "id-dinja tagħraf li jiena nħobb lill-Missier u li nagħmel kif ordnali l-Missier" (14,31). Fi kliem ieħor Ġesù qed jgħix dak li hu qed jitlob mid-dixxipli. Fl-istess waqt f'dan il-mument tiġi magħmula wkoll l-esperjenza tal-fedeltà u l-imħabba tal-Missier.

Id-don li joħroġ minn dan il-proċess hu l-preżenza t'Alla fina ("niġu u ngħammru għandu"). F'Rum 5,5 naqraw: ... "l-imħabba ta' Alla ssawwbet fi qlubna permezz ta' l-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna". Fit-tradizzjoni biblika, il-post fejn Alla jgħammar kien it-tinda tal-laqgħa

(Num 14,10; Eż 26-27), it-tempju (Salm 121,1; 131,3-14), Ġerusalemm (Iż 6,60). Fi Ġw, il-post fejn Alla jgħammar hu l-bniedem, permezz tal-inkarnazzjoni ta' Ġesù (insibu eku ta' dan f'Ġen 1,26-27). Fil-Prologu, l-Verb għamel it-tinda fostna. Issa l-Missier u l-Iben jagħmlu t-tinda tagħhom fina. Għalhekk, m'hemm aktar tempju, imma kull ħlejqa hi t-tempju ta' Alla. Hu mhux il-bogħod imma fil-bniedem! Fiż-żewġ każijiet ta' qabel d-don jiġi spjegat b'dan il-mod: lilna ser jiġi mogħti d-Difensur biex jibqa' magħna għal dejjem eċċ (v. 16s) u Ġesù ser juri ruħu lilna (v. 21).

San Ġwann jinsisti wkoll fuq il-kuntrarju, jiġifieri fuq in-nuqqas ta' imħabba u ta' ubbidjenza. Meta jseħħ dan, ir-riżultat hu li wieħed ma jagħmilx parti mill-ħajja ta' Alla: "Min hu minn Alla jisma' dak li jgħid Alla. Hu għalhekk li intom ma tisimgħux, għax m'intomx minn Alla" (8,47). Meta jikkummenta dawn il-versi Sant'Wistin jikteb: "Alla Trinita', Misier, Iben u Spirtu s-Santu jiġu għandna meta aħna mmorru għandhom: jiġu għandna jgħinuna, u aħna mmorru għandhom permezz tal-ubbidjenza; jiġu għandna jdawluna, u aħna mmorru għandhom billi nikkontemplawhom; jiġu u jimlewna bil-preżenza tagħhom, u aħna mmorru billi nilqgħuhom".

[Ġw:14:25] **"Għedtilkom dan meta għadni magħkom.** [Ġw:14:26] **Imma d-Difensur, l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibgħat f'ismi, jgħallimkom kollox u jfakkarkom dak kollu li għedtilkom.**

L-Ispirtu hu d-Difensur, l-Ispirtu tal-Verità, li jibqa' magħna għal dejjem u "li d-dinja ma tistax tirċevih għax hija la tarah u lanqas tagħrfu. Iżda intom tagħrfuh, għaliex jgħammar magħkom u huwa fikom" (14,16-17). It-titlu *parakletos*, difensur, konsolatur, hu wżat biss minn Ġw u jesprimi l-idea ta' assistenza, għajnuna, difiża, protezzjoni. Hu jixhed għal Ġesù u jagħtih glorja (15,26-27; 16,14); jibqa' mad-dixxipli (14,17); jgħallem u ifakkar (14,26); u jwassal għall-verità kollha (16,13). Id-dinja ma tistax tirċevih għax ma tagħrfux (14,17) u juriha l-iżball tagħha (16,8-11). L-Ispirtu huwa difensur "ieħor" (v.15) għaliex Ġesù huwa l-ewwel difensur li mbagħad l-Ispirtu ser 'jieħu' postu biex titkompla l-opra fost id-dixxipli. L-Ispirtu s-Santu ma jabbanduna qatt lid-dixxipli u huwa l-Ispirtu tal-Verità, l-oppost għall-ispirtu tal-gideb (1Ġw 4,6) u li jwassal għall-għarfien sħiħ tal-kelma ta' Ġesù: interjorizzazzjoni progressiva tal-kelma u tar-rivelazzjoni. Għaldaqstant kemm għandha tkun talba ċentrali

għan-nisrani dik la ma jgħix f'gidba, f'kull sens tagħha, qabelxejn magħna nfusna.

L-Ispirtu jgħallem u jfakkar; il-verità qiegħed jagħtiha Ġesù, "it-triq, il-verita' u l-ħajja" (v.6). Issa l-Ispirtu jġibha aktar għad-dawl u jagħmel li tidħol aktar fil-qlub ta' dawk li jemmnu għax hu wkoll hu l-verita' (1Ġw 5,6). L-Ispirtu se jkun l-għalliem tal-qalb, li jwassal lid-dixxipli jagħrfu s-sens tal-missjoni ta' Ġesù u tat-tagħlim tiegħu. Hu ser idawwal ir-risposti l-ġodda li l-komunità ser tkun mitluba tagħti fiċ-ċirkustanzi differenti tal-ħajja u tal-istorja.

Id-dinja ma tagħrfux għaliex m'emmnitx/ingħalqet għall-Ġesù u allura għada mgħaddsa fid-dlam u fil-gidba. Il-kuntrarju huwa l-ftuħ u l-viċinanza għal u ma' Ġesù, anke jekk xi kultant il-kuntatt hu dgħajjef u titubanti bħal dak tad-dixxipli.

[Ġw:14:27] **Jiena nħallilkom is-sliem; nagħtikom is-sliem tiegħi; ma nagħtihulkomx kif tagħtih id-dinja. Tħallux qalbkom titħawwad u anqas titbeżżà'.** [Ġw:14:28] **Smajtu x'għedtilkom: Jiena sejjer u nerġa' niġi għandkom. Kieku kontu tħobbuni, kontu tifirħu li sejjer għand il-Missier, għax il-Missier hu akbar minni.** [Ġw:14:29] **U għedtilkom dan minn issa qabel ma jseħħ, biex meta jseħħ temmnu.**

Is-sliem fit-tradizzjoni Lhudija mhux sempliċement awgurju imma t-totalità tad-doni marbuta mal-messija: qofol ta' ħajja u saħħa, perfezzjoni, ferħ, komunjoni definittiva ma' Alla. Fi Ġw is-sliem hu dejjem marbut mal-persuna u l-preżenza ta' Ġesù (issa u eżatt wara l-qawmien fi 20,19.26). Il-verbi fil-preżent jindikaw li dan hu don stabbli u imminenti tal-istess sliem tal-Mulej Ġesù. Hu qed jagħtih minkejja t-turbament u s-serjetà tas-siegħa li qed jgħix u hu l-frott tal-għaqda sħiħa tiegħu mar-rieda tal-Missier. L-oġġett tal-ħsieb tiegħu mhiex it-tbatija imma dak li ser jagħti lid-dixxipli tiegħu. U hu sliem "mhux kif tagħtih id-dinja" peress li din kienet it-tislima qabel it-tluq. Għal Ġesù it-tluq ser ifisser preżenza aktar intensa.

Ġesù jistieden: "tħallux qalbkom titħawwad u anqas titbeżża'" għax sejjer u nerġa' niġi. Din it-tema fetħet id-diskors ta' Ġesù u hi tema kontinwa fil-kapitlu (14,1-3.18): it-tluq ta' Ġesù ser ikun ritorn, jew aħjar preżenza ġdida tiegħu u tal-Missier permezz tal-Ispirtu. Għalhekk dan ir-ritorn għandu jwassal għall-ferħ għax "sejjer għand il-Missier, għax il-Missier hu akbar minni". "Madanakollu, ngħidilkom is-sewwa, jaqblilkom li jiena mmur; għaliex, jekk ma

mmurx, id-Difensur ma jiġix għandkom; imma jekk immur, nibgħathulkom" (16,7). F'dan il-misteru tat-tluq ta' Ġesù jidher li ma hemmx wisa għall-qtugħ il-qalb. Għax hu ħaj ser ikollna l-ħajja tiegħu: "Għax jien ngħix u intom ukoll għad tgħixu (14,19).

Il-Mulej jaf bir-riskju tat-taħwid tal-qalb u tal-biża', frott il-prova tas-salib. Imma jinsisti dwar il-ferħ quddiem is-salib mgħix f'għaqda mal-Missier. Hu meta jingħax dan li jsiru l-affarijiet il-kbar: ir-rebħa fuq il-Prinċep ta' din id-dinja (14,30). Ġesù għalhekk mhux biss iqawwi l-fidi tad-dixxipli fil-mument tal-passjoni imma juri li dak li ser jiġri hu parti mill-proġett ta' Alla. "Dawn il-ħwejjeġ għedthomlkom ħalli bija jkollkom is-sliem. Fid-dinja tbatu jkollkom. Iżda agħmlu l-qalb: jiena rbaħt id-dinja!" (16,33).

Il-kelma ta' Ġesù hi vera. Meta mgħixha tħalli l-frott u twassal biex mill-ġdid "temmnu meta jseħħ".